21 ta' Ottubru, 1952

Imħallef:

L-Onor. Dr. T. Gouder, LL.D.

**Dottor Ettore Lucia ne.** *versus* **Avertano Balbi**

**Obligazzjoni Solidali — Fidejussjoni — Regress — Art. 2053 u 2054, u Art. 1149 u 1150, tal-Kodiċi Ċivili.**

*Meta si tratta ta' obligazzjoni kontratta solidalment, huma applikabili, biex jirregolaw ir-regress, mhux id-dispożizzjonijiet tal-liġi f'materja ta' fidejussjoni, imma dawk f'materja ta' obligazzjonijiet solidali.*

*L-obligazzjoni kontratta solidalment lejn il-kreditur tiddividi ruħha "ipso jure" bejn id-debituri, b'mod li dawn, bejniethom, m'humiex obligati, kull wieħed minnhom, ħlief għall-kwota tiegħu. U l-kondebitur li jkun ħallas id-dejn solidali kollu, ma jistax jitlob minn għand l-oħrajn jekk mhux il-kwota ta' kull wieħed minnhom, bl-interessi mill-jum tal-pagament, inottiża kull ċessjoni ta' drittijiet. Jiġifieri, illi d-debitur solidali għandu regress kontra l-kondebituri, biex jottjeni r-rimborż tal-parti u porzjoni tagħhom biss. Imma, biex jeżiġi dan ir-rimborż, huwa meħtieġ li huwa jkun ġà ħallas id-dejn.*

Il-Qorti — Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur nomine, wara li ppremetta illi l-imsemmijin Avertano Balbi u Salvatore Galea flimkien u "in solidum" huma debituri versu Nicola Vella u Edward Vassallo fis-somma ta' £370 oltre l-imgħaxijiet relativi, skond kuntratt fl-atti tan-Nutar Philip Saliba tat-8 ta' Ġunju 1949, li kopja tiegħu qiegħda annessa mal-mandat ta' sekwestru nru. 292 tat-8 ta' Jannar 1952; u illi l-kredituri Vella u Vassallo biex jitħallsu tal-kreditu tagħhom għamlu atti ġudizzjarji kontra Salvatore Galea, li obliga ruħu li jħallas dana d-dejn, kif infatti diġà ħallas; talab illi l-konvenut jiġi kundannat iħallas lilu (a) is-somma ta' £185 li tirrappreżenta n-nofs ta' £370 kif indikat fl-att imsemmi, u (b) £34. 6. 0 li huma s-sehem tiegħu ta' l-interessi tas-6% fis-sena fuq l-istess somma, oltre l-ispejjeż ġudizzjarji li saru s'issa kontra l-istess Salvatore Galea mill-imsemmija kredituri; bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-mandat tal-qbid tat-2 ta' Lulju 1952; u bl-imgħax kummerċjali;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li ssottometta..........; li fil-meritu t-talba hija intempestiva, għaliex bejn il-kontendenti hemm kawża ta' likwidazzjoni tas-soċjetà li kellhom bejniethom, u li fiha l-eċċipjenti jippretendu li huwa kreditur ta' l-attur, u għalhekk, qabel ma tiġi deċiża dik il-kawża, ma jistax jingħad dak li effettivament għandu jieħu l-attur in regress kontra l-eċċipjent; li f'kull każ, l-attur ma seta' qatt jagħmel din il-kawża, għaliex għadu ħallas £80 biss, li lanqas ikopru sehmu tad-dejn in kwistjoni (art. 2053 (1) (2), 2054 Kodiċi Ċivili);

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi fil-każ in eżami d-debitu ta' l-attur nomine lejn l-imsemmijin Vella u Vassallo ma jitnisselx minn fidejussjoni solidarja favur il-konvenut Balbi, imma huwa dejn lejn l-imsemmijin Vassallo u Vella kontratt flimkien u solidarjament mill-attur u mill-konvenut għall-prezz taċ-ċessjoni tad-ditta, lilhom magħmula mill-istess Vella u Vassallo;

Illi għalhekk, id-dispożizzjonijiet kontenuti fl-imsemmijin artikoli 2053 u 2054, menzjonati mill-konvenut fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet tiegħu, m'humiex applikabili għall-każ, li huwa invece regolat mid-dispożizzjonijiet ta' l-art. 1149 u 1150 tal-Kodiċi ċitat;

Illi skond l-art. 1149, l-obligazzjoni kontratta solidarjament lejn il-kreditur tiddividi ruħha "ipso jure" bejn id-debituri; dawn ma humiex bejniethom obligati ħlief, kull wieħed minnhom, għall-kwota tiegħu. Skond id-dispożizzjoni ta' l-artikolu segwenti, li ma tidderivax mill-prinċipji ġenerali, imma hija ġustifikata bir-raġuni li altrimenti jkun hemm ġir vizzjuż ta' azzjonijiet reċiproċi, il-kondebitur li jkun ħallas id-dejn solidarju kollu ma jistax jitlob minn għand l-oħrajn jekk mhux il-kwota ta' kull wieħed minnhom, bl-interessi mill-jum tal-pagament, inattiża kull ċessjoni ta' drittijiet;

Illi minn dina d-dispożizzjoni ta' l-art. 1150 jirriżulta ċar, kwindi, li d-debitur solidali, kif huwa l-attur, għandu regress kontra l-kondebitur, fil-każ il-konvenut, biex jottjeni r-rimborż tal-parti u porzjoni ta' dan — liema porzjoni fil-każ in eżami tammonta għan-nofs — jekk ikun ħallasha. Il-kliem tal-liġi huma biżżejjed ċari: "id-debitur", tgħid il-liġi, "li jkun ħallas id-dejn in solidum kollu". Il-liġi fl-imsemmija dispożizzjoni, tagħti lill-kondebitur id-dritt li jottjeni r-rimborż tal-parti tal-kondebitur jew kondebituri l-oħra; u r-rimborż jippresupponi l-ħlas;

Ikkunsidrat;

Illi fil-każ in diżamina, il-kondebitur solidali (l-attur) ma ħallasx id-dejn kollu, lanqas parti mill-kwota tal-konvenut, lanqas il-parti tiegħu intiera; jirriżulta difatti, mill-verbal tas-7 ta' Ottubru 1952, illi l-attur jammetti, għaliex hekk iddikjara,

li ħallas biss is-somma ta' £156. 12. 8, u din hija anqas mill-kwota tiegħu, billi dina, skond dak li ġà ngħad, konformement għal dak li ġie espost fl-att taċ-ċitazzjoni, tammonta għal £219. 6. 0, kapital u interessi flimkien. Għandu jiżdied ukoll, kif jirriżulta mill-istess verbal fuq imsemmi, li l-attur ħallas anqas mill-imsemmija somma ta' £156. 12. 8 għal sehmu, peress li f'dik is-somma hemm inklużi £70 li kienu depożitati favur il-konvenut u li dana, in rigward tagħhom, akkonsenta li jittieħdu mill-imsemmijin kredituri Vella u Vassallo;

Illi għall-motivi premessi, ir-regress eżerċitat mill-attur bl-azzjoni odjerna huwa ntempestiv, u kwindi;

Tillibera lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż.